**10 ta' Marzu, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Paolo Grech

*versus*

Salvina Grech et.

**Taxxa tas-Suċċessjoni — Titolu Eżekuttiv — Riċevuta — Surrogazzjoni — Interessi — Kostituzzjoni in Mora — Art. 1182 u 1184 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 250 tal-Kap. 15 — Art. 39(2) tal-Kap. 70.**

*Meta wieħed iħallas somma dovuta lill-Gvern minn persuna oħra bħala taxxa tas-suċċessjoni, l-irċevuta tal-Gvern għal dak il-ħlas hija titolu eżekuttiv skond il-liġi, u hija eżegwibbli bħat-titoli eżekuttivi l-oħra.*

*Min iħallas taxxa tas-suċċessjoni fl-interess ta' ħadd ieħor huwa surrogat fid-drittijiet tal-Gvern, imma limitatament għall-ammont minnu mħallas. Dan ifisser illi huwa jiġi surrogat fis-somma mħallsa u fl-imgħaxijiet relattivi saljum tal-pagament. Meta huwa mbgħad idur għar-rifużjoni kontra l-persuna li fl-interess tagħha huwa jkun ħallas lill-Gvern huwa għandu dritt għas-somma li ħallas; imma l-imgħaxijiet ulterjuri wara dak il-pagament ma humiex dovuti mill-ġurnata tal-pagament, iżda mill-jum li fih huwa jikkostitwixxi in mora lid-debitur b'att ġudizzjarju.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħti kull provvediment opportun, ta'ab li tiġi dikjarata eżegwibbli l-irċevuta unita Dok. "A", li hija titolu eżekuttiv; u, stante l-mewt tad-debitur, l-imsemmi missierhom u awtur tagħhom Michele Grech, sabiex l-attur jiġi awtorizzat jottjeni l-ħlas minn għandhom tas-somma ta' £17.16.7 dovuta favur l-attur għal daqshekk ieħor illi huwa b'-imsemmija riċevuta ħallas sehem tal-istess Michele Grech mit-taxxa tas-suċċessjoni ta' Luigi Grech, interessi u spejjeż relattivi, kif jidher mid-dokument "B". Bl-imgħax legali middata tal-ħlas tal-imsemmija riċevuta, 9 ta' Jannar 1960

u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' April 1960, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

*Omissis;*

Illi, fil-meritu, il-konvenuti opponew li l-irċevuta eżibita a fol. 5 mhix titolu eżekuttiv skond il-liġi; iżda din l-oppożizzjoni mhix konformi għall-art. 39(2) tal-Kap. 70, fejn hu espressament dikjarat illi l-irċevuta mħollija mill-Kollettur għall-ħlas tat-taxxi għandha s-saħħa ta' titolu eżekuttiv fis-sens u għall-finijiet tal-art. 250 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Illi mid-dokument fol. 6 jirriżulta li l-attur ħallas fl-interess tal-konvenuti, eredi ta' Michele Grech, l-ammont komplessiv ta' £17.16.7, li tiegħu l-lum qiegħed jitlob ir-rifużjoni;

Illi l-konvenuti, inoltre, eċċepew li huma ma għandhom jagħtu xejn lill-attur; iżda, għad li ġiet lilhom mogħtija l-opportunità li jsostnu din il-pretensjoni, kif jidher mill-verbal fol. 23, din il-pretensjoni ma ġietx minnhom bl-ebda mod sostnuta;

Illi "rebus sic stantibus" l-istanza tal-attur għar-rifużjoni mitluba għandha tiġi milqugħa;

Illi, rigward l-interessi legali, l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet tal-Gvern limitatament għall-ammont minnu mħallas, jiġifieri, "inter alia", għall-interessi tat-3% sad-9 ta' Jannar 1960: huwa għalhekk evidenti illi l-interessi legali, i.e. tal-5%, jistgħu jkunu dovuti mill-kostituzzjoni in mora per mezz ta' att ġudizzjarju (art. 1182 u 1184 Kod. Ċivil) jiġifieri minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' April 1960;

Illi, kwantu għall-ispejjeż, l-attur kellu jirrikorri għall-proċedura preżenti minħabba li d-debitur Michele Grech

kien mejjet, u l-eżekuzzjoni qegħedha tintalab kontra l-eredi tiegħu (art. 257 (1) Kod. Proċ. Ċiv.);

Għal dawn il-motivi;

**Tilqa t-talba tal-attur, bl-imgħax legali minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-2 ta' April 1960, u bl-ispejjeż; salva lill-konvenuti kull azzjoni lilhom talvolta kompetenti "si et quatenus".**